MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 98/1995/1

L-avukat Dottor Victor Bajada,
Ignatius Attard u Angelo Cefai
Fil-kwalita’ tagħhom ta’ diretturi għan-
Nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’
“Castle Hill Limited”.

vs

Keith W. Terry

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi nomine, wara li ppremettew :

Illi permezz ta’ kitba privata magħmula fil-ħamsa (5) ta’ Novembru tal-elf disa’ mija u erbgħa u disgħin (1994) l-atturi nomine ftehmu mal-konvenut dwar il-fornitura u stallazzjoni ta’ apparat ċinematografiku w obbligi oħra kif jirriżulta mill-istess kitba (Dok. A);

Illi inoltre sussegwentement l-atturi nomine taw inkarigi oħra speċifiċi b'termini preċiżi kif jiġi dettaljatament ippruvat fir-kors tal-kawża.

Illi l-konvenut naqas flagrantament fl-obbligi tiegħu u konsegwenza ta' dan l-atturi nomine soffrew danni inġenti kif jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawża.

Illi l-atturi nomine jridu li jiġu likwidati dawn id-danni sabiex jiġu riżarċiti lilhom.
Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut naqas li josserva l-ftehim tiegħu mal-atturi nomine.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nomine minħab ba dan in-nuqqas.

3. Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi nomine l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fil-5 ta' April 1995, tal-mandat ta' Inibizzjoni u tal-mandat ta' Impediment tas-safar fl-istess ismijiet.

Il-konvenut mħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab inġunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi nomine kkonfermata bil-ġurament ta' Dr. Victor Bajada.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet tal-atturi nomine huma ferm infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess atturi nomine.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost hemm "mala fede" ċara da parti tal-atturi pro et noe kif ukoll vessazzjoni u tempestivita' fil-preżentazzjoni taċ-ċitazzjoni

meta l-istess atturi pro et noe jafu ben tajjeb li l-allegazzjonijiet huma ferm bla bażi  kif ukoll danni kwantifikati fittizzji u b ‘mod esaġerat li ma jeżistux fil-fatt u intiżi biex l-istess atturi nomine ma jħallsux il-bilanċ dovut lill-konvenut u dan kif se jiġi ppruvat fem aħjar waqt it-trattazzjoni tal-każ.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk l-istess atturi pro et noe sofrew verament danni, dan hu tort sija tagħhom u dan kif ser jiġi ppruvat ferm aħjar waqt it-trattazzjoni tal-każ.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, fejn wara li ppremetta illi:

Illi hu ġie mqabbad jagħmel xogħlijet u dan skond il-ftehim tal-5 ta’ Novembru, 1994 sussegwentement emendat.

Illi l-esponent ottempera ruħu mal-ftehim u għen l-istess intimati b’mod estensiv.

Illi ghad fadal bilanċ ta’ somma akbar ta’ tlett elef u disa’ mitt lira Maltin kif ukoll il-ħlas tax-xogħol addizzjonali kif indikat iktar kmieni.

Talab lill-atturi  nomine jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

a. Tiddikjara li l-ammont ta’ tlett elef u disa’ mitt lira maltin kif ukoll somma oħra ta’ ħamest elef liri maltin (LM5,000) bħala xogħol addizzjonali huma dovuti;

b. Tikkundanna lill-atturi jħallsu lill-konvenut dawn is-somom hekk dovuti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-atturi li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni kif ukoll b’riserva ghall-azzjoni għad-danni sofferti talli hemm mandat ta’ impediment ta’

partenza fejn l-istess konvenut qed jitlef xogħol ieħor ta' somom konsiderevoli.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut annessa ma' din il-kontro-talba u minnu debitament maħufa.
Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-atturi nomine għal din il-kontro-talba li biha eċċepew illi:

1. Illi d-domandi kontenuti fil-kontro-talba tal-imsemmi Terry huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt billi mhux veru li huma għandhom fil-kwalita' premessa xi debitu versu l-imsemmi Terry anzi għal kuntrarju huwa l-istess Terry li għandu jagħti lill-imsemmija Castle Hill Ltd.

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi nomine annessa ma' din il-kontro-talba u kkonfermata bil-ġurament ta' Dr. Victor Bajada.

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta' Jannar 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tirrigwarda ftehim milħuq permezz ta' skrittura privata,[1] li permezz tagħha l-konvenut obbliga ruħu li fiż-żmien stipulat jissupplixxi u jistalla appartat ċinematografiku kompletament funzjonabbli fiċ-Citadel Theatre, t-teatru taċ-ċinema li l-atturi nomine għandhom ġewwa r-Rabat, Għawdex. L-għan ta' dan il-ftehim kien li tiġi krejata *multivision show* li kellha tintwera, partikolarment lit-turisti, f'dan it-teatru. L-atturi nomine jallegaw li l-konvenut naqas li jwettaq l-obbligi tiegħu skond dan il-ftehim, bil-konsegwenza li huma ġarrbu danni

[1] Dok. A anness maċ-ċitazzjoni a fol. 5 - 9 tal-process .

sostanzjali. Għalhekk qed jitolbu il din il-Qorti tillikwda dawn id-danni u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallashom.

Il-konvenut da parti tiegħu jiċħad li huwa kkawża xi danni lill-atturi nomine, anzi jsostni li jekk dawn batew xi danni kien kollu tort tagħhom stess. Huwa jgħid ukoll li għad għandu jieħu mingħand l-atturi nomine u għalhekk ippreżenta l-kontro-talba tiegħu għall-ħlas ta' dak li jgħid li għadu dovut lilu.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-atturi nomine bħala proprjetarji tas-soċjeta' "Castle Hill Limited" xtaqu jarmaw *multivision show* fit-teatru ġestit minnhom, fuq linji simili għal *shows* oħra li kienu qed jintwerew dik il-ħabta fil-ġzira ta' Malta, imma ffukata unikament fuq Għawdex. Mario Loporto, konsulent tagħhom, ġietu l-idea li għal din ix-*show* jutilizzaw ir-ritratti murija fil-ktieb Gozo 360 degrees. Għal dan il-għan ġew avviċinati l-aħwa Tony u Eddie Aquilina, id-diretturi tal-kumpanija "Promotions Services Limited" li kienet ippublikat dan il-ktieb, u dawn aċċettaw li jsir użu mir-ritratti tagħhom għal dan ix-*show*. Billi kienu jenħtieġu iżjed ritratti milli kienu jidhru f'dan il-ktieb, ġie inkarigat il-fotografu Daniel Cilia biex jieħu dawn ir-ritratti. Biex jieħu ħsieb li jintrama dan ix-*show* ġie avviċinat il-konvenut, li kien qal li kellu esperjenza f'dan ix-xogħol għax kien ħadem fuq *show* simili, l-Mdina Experience. Wara li l-konvenut aċċetta li jidħol għal dan l-inkarigu, ġie ffirmat il-ftehim imsemmi fil-5 ta' Novembru 1994. Kollox kellu jkun f'postu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 1995.

L-aħwa Aquilina u Daniel Cilia għaddew is-*slides* tar-ritratti li kienu meħtieġa lill-konvenut u dan beda jaħdem biex jolħoq din il-*multivision show* fl-istudju tiegħu Ta' Xbiex. Iż-żmien kien għaddej, imma l-konvenut kien qed jaħdem bil-mod wisq u l-atturi nomine bdew jinkwetaw illi l-konvenut ma kienx ser ilaħħaq ilesti kollox sal-ġurnata miftehma. Huma ġia kellhom *commitments* ma' diversi *tour operators* li kienu ser jibgħatu t-turisti jaraw dan ix-*show* u għalhekk kien ferm importanti għalihom li kollox ikun armat u funzjonabbli sad-data miftehma. L-avukat

Bajada sa għamel ġimgħa joqgħod Malta biex ikun ħdejn il-konvenut ħa jinkorraġġieh jaħdem kemm jista' fuq dan il-proġett. L-aħwa Aquilna u l-fotografu Cilia tawh ukoll l-għajnuna kollha tagħhom fi sforz li dan jasal biex itemm l-inkarigu tiegħu, imma bdew jirrealiżżaw li l-konvenut ma kienx kapaċi daqs kemm kien tahom x'jifhmu, u li ċertament ma kienx ser itemm l-inkarigu tiegħu fiż-żmien stipulat. Sadanittant beda jiġi stallat fis-Citadel Theatre parti mill-appartat meħtieġ biex jintwera dan ix-*show*.

Billi ż-żmien kien dieħel sew u l-konvenut kien waqa' lura ferm fix-xogħol tiegħu, l-atturi nomine nkarigaw lil ditta oħra, l-"White Light Pictures Limited" biex tieħu ħsieb hi tlesti l-proġett. Dawn sabu diversi nuqqasijiet tekniċi sew fl-immuntar tax-*show*, kif ukoll fl-apparat li ssuplixxa l-konvenut. Id-diretturi ta' din il-kumpanija, Raymond Grech u Lino Grech, spjegaw fid-depożizzjoni tagħhom f'hiex kienu jikkonsistu dawn in-nuqqasijiet u anke pproduċew rapport kummissjonat mill-atturi nomine fejn indikaw b'mod dettaljat x'sabu u x'kellhom jagħmlu biex jirrimedjaw għal dawn in-nuqqasijiet.[2] Fost dawn jissemmew illi l-*multivision show* kellu kważ jerġa' jsir kollu mill-ġdid, billi la l-viżwali u lanqas is-*sound*, kif ippreparati mill-konvenut ma kienu ħarġu tajjeb. L-apparat supplit mill-konvenut, apparti li kien ta' ditti differenti minn dawk miftehma, ma kien xejn adattat biex jiflaħ għall-istrapazz li *show* kummerċjali bħal dik intenzjonata kienet tirrikjedi, bil-konsegwenza illi dan l-apparat mal-ewwel beda jġarrab il-ħsara u kien jenħtieġ diversi tiswijiet u bdil ta' *parts*. Kien hemm ukoll apparat bħall-*headphones*, li l-konvenut naqas għal kollox li jissuplixxi, u allura dawn kellhom jinxtraw minn band'oħra. Naturalment biex isir dan kellhom jintefqu diversi flejjes, kif imfisser mill-attur Angelo Cefai fid-depożizzjoni tiegħu[3] u d-dokumenti minnu esebiti,[4] li huma qed jitolbu r-rifużjoni tagħhom. Dawn apparti, l-atturi nomine jippretendu wkoll il-ħlas tal-penali għad-dewmien stipulat fil-ftehim u l-likwidazzjoni tad-danni ulterjuri kaġunati minħabba dan id-dewmien.

---

[2] ara rapport tekniku Dok. RG a fol. 65 - 68 tal-process .
[3] ara affidavit tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 a fol. 124 - 127 tal-process .
[4] Dokti. X, X1 u X2 a fol. 128 - 130 .

Jirriżulta illi l-atturi nomine qed jirreklamaw is-segwenti:

1. Lm44.19 (ekwivalenti għal EUR 102.94) għall-ispejjeż relatati mat-tiswijiet li saru fil-*projectors*, kif jirriżulta mill-*invoice* datata d-29 ta' Marzu 2001 (Dok. X a fol. 128); dawn huma ripetibbli, billi jidher illi l-kawża tal-ħsarat kienet illi l-*projectors* suppliti kienu tal-*plastic* minflok tal-metal u ma kienux jifilħu għall-istrapazz li kienu qed jiġu soġġetti għalihom b'użu fit-tul;

2. Lm99.98 (ekwivalenti għal EUR 102.94) dwar spejjeż relatati ma' tiswijiet li reġgħu saru f'dawn il-*projectors*, kif jirriżulta mill-*invoice* datata 29 ta' Awwissu 2001 (Dok. X 1 a fol. 129); dawn ukoll huma ripetibbli għall-istess raġuni;

3. Lm2052.75 (ekwivalenti għal EUR 4781.62) għax-xiri ta' *headphones*, li kienu inklużi fil-lista ta' apparat li kellu jissuplixxi l-konvenut,[5] imma li dan naqas li jipprovdi; dawn ukoll huma ripetibbli;

4. Lm7645.20 (ekwivalenti ghal EUR 17,800.08) għall-programm u produzzjoni tal-*multivision show*; inġiebet biżżejjed evidenza biex tissodisfa lil din il-Qorti li l-produzzjoni inkompleta tax-*show* kif ippreparata mill-konvenut ma kienitx tal-livell rikjest u meħtieġ, u għalhekk kellha ssir kważi mill-gdid mill-kuntratturi l-ġodda; l-atturi nomine għandhom kull dritt għar-rimbors mingħand il-konvenut ta' dak li kienu ħallsuh inutilment għal xogħol li ftit li xejn setgħu jagħmlu użu minnu;

5. Lm55 (ekwivalenti għal EUR 128,12) għall-preparazzjoni ta' rapport minn White Light Pictures Limited (Dok. X 6b a fol. 131 - 134); għalkemm dan ir-rapport kien utili biex jissostanzja u jispega aħjar in-nuqqasijiet fix-xogħol tal-konvenut, dan ma jistax jitqies bħala danni kkaġunati mill-konvenut, u għalhekk din il-partita qed tiġi rifjutata;

---

[5] ara Annex 1 anness mal-ftehim tal-5.11.1994 a fol. 9 .

6. Lm7450 (ekwivalenti għal EUR 17,353.83) bħala ħlas ta' penali skond il-paragrafu (C) tal-ftehim, fejn kien ingħhad illi: "*Should the Contractor fail to observe the obligation mentioned in the preceeding paragraph within the stipulated term* (u ċioe' li kollox ikun f'postu sal-31 ta' Jannar 1995), *he shall be liable in favour of purchasers for damages and to a penalty of fifty Maltese liri (Lm50) for each day of default inclusive of Sundays and Public holidays…".* Irriżulta li minħabba dan id-dewmien ix-show ma setgħhetx tibda tintwera qabel l-aħħhhar ta' Gunju 1995, u għhalhekk it-talba għhal din il-penali, kkalkolata fuq iż-żmien żejjed li l-atturi nomine kellhom jistennew, hija ġustifikata;

7. Apparti din il-penali l-atturi nomine jippretendu wkoll il-ħlas ta' somma oħra bħala danni li għandha tiġi likwidata minn din il-qorti *arbitrio boni viri* bħala danni ulterjuri minħabba dan id-dewmien. Imma baqgħet ma nġiebet ebda prova sodisfaċenti f'dan ir-rigward, u fil-fehma ta' din il-Qorti il-penali maħsuba fil-ftehim kienet proprju intiża biex tkopri kwalunkwe danni kkaġunati minħabba d-dewmien fit-tlestija tal-proġett.

Jiġi għalhekk illi hija ripetibbli lill-atturi nomine f'danni u penali minħabba n-nuqqas tal-konvenut li jwettaq l-obbligi kollha tiegħu kif stipulati fil-ftehim redatt bejn il-partijiet, is-somma ta' erbgħin elf mitejn wieħed u sebgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (EUR 40271.36).

Permezz tal-kontro-talba tiegħu il-konvenut qed jirreklama somma ta' Lm3900 li jgħid li għadha dovuta lilu skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fil-5 ta' Novembru 1994, kif ukoll somma oħra ta' Lm5000 għal xogħol addizzjonali li jallega li ġie nkarigat biex jagħmel mill-atturi nomine. Dwar l-ewwel somma jingħad mal-ewwel li żgur li l-konvenut m'hu intitolat għall-ebda bilanċ minn dak dovut lilu, ġialadarba rriżulta ampjament illi huwa qatt ma wettaq l-inkarigu kollu li kien daħal għalih permezz tal-ftehim de quo. Fir-rigward imbagħad tax-xogħol addizzjonali li jallega li ġie imqabbad jagħmel, il-konvenut baqa' ma ressaq l-anqas l-iċken prova, u għalhekk l-anqas dan l-ammont ma jista' jkun dovut.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi:

(A) **dwar iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi nomine**, billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u: (i) tiddikjara li l-konvenut naqas li josserva l-ftehim tiegħu mal-atturi nomine kif imfisser fl-iskrittura privata tal-5 ta' Novembru 1994 (Dok. A anness maċ-ċitazzjoni); (ii) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nomine minħabba dan in-nuqqas fis-somma ta' erbgħin elf mitejn wieħed u sebgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (EUR 40,271.36); u (iii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi nomine dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-5 ta' April 1995, u tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' impediment tas-safar fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut.

(B) **Dwar il-Kontro-Talba tal-konvenut**, billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-atturi nomine, tiċħad it-talbiet tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------